MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 221/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur P. Micallef Grimaud)**

**Vs**
**Mandy Amanda Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-11.30 a.m. u fil-granet ta' qabel din id-data, ghamlet xi attivita' kummercjali fl-inhawi ta' Putirjal jew fuq il-Pont ta' Bieb il-Belt, Valletta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 14 tal-Avviz Legali 102/02 ma sabitx

lill-appellata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha w mill-akkuza lliberata.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ :- illi l-Ewwel Qorti interpretat il-portata ta’ attivita’ kummercjali bhala li ma tinkludiex xoghol ta’ arti u l-biegh tieghu. Illi dan imur kontra dak li jghid l-Avviz Legali 102/02 fl-Ewwel Skeda, fejn fil-kategorija V 74.87 jigi stabilit li hemm bzonn ta’ licenzja ghall-attivitajiet professjonali u attivitajiet kummercjali ohra li mhumiex klassifikati band’ ohra. Illi certament l-artist hu professjonista w ghalhekk jehtieg licenzja biex ibiegh il-prodott tieghu.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta’** PS 1338 NOEL APAP **jirrizulta li fl-14 ta’ Gunju, 2005 ghall-habta tal-11.30 am. il-Pulizija kellha istruzzjonijiet biex tivverifika jekk il-*hawkers* li kien hemm Puturjal, il-Belt Valletta, kellhomx licenzji. Hu kien mar fuq il-post u sab lill-appellata qed tbiegh f’ post fiss taht Bieb il-Belt. X’ kienet qed tbiegh u taghmel ma jafx, minghalih xi toys. L-appellata kellha permess ta’ *street hawker*, biex tbiegh affarijiet li jsiru dak il-hin.**

PC 594 ROBERT SALIBA **xehed li hu akkompanja lis-Surgent xhud precedenti u jiftakar li l-appellata kienet qed taghmel xi affarijiet li jsiru bl-idejn, affarijiet zghar tal-arti, pero' ma jafx x' kienu. Kienet bil-wieqfa fejn it-tilar tbiegh l-affarijiet li ghamlet. Hu ra tahdem xoghol ta' arti pero' ma rahiex tbiegh dak il-hin. Dak il-hin ma rax nies hdejha.**

CHARLES MUSCAT **, Principal Officer fit-Trade Licencing Unit, xehed li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li l-appellata kienet licenzjata bhala *street hawker* u l-object hu biex tbiegh *costume jewellery* u bhala *"remarks"* ghandha "*other retail sale in specialised stores selling predominantly watches, clocks and jewellery."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-abbli difensur tal-appellata ssottometta li l-Qorti trid toqghod ghall-kliem tal-ligi. Il-kwistjoni ma kienetx ticcentra fuq dak li hu kontenut fil-paragrafu V. 74.87 1 tal-Iskeda annessa mar-Regolamenti li titkellem fuq kazijiet ta' professjonijiet jew attivitajiet ohra kummercjali mhux imsemmija band'ohra, imma fuq l-artikolu 14 (2) (b) tal-Kap.441 li jghid li l-htiega li min jiggestixxi xi attivita' kummercjali f' xi triq ikollu licenzja mill-awtorita' regolatorja ma tapplikax fil-kaz ta' persuna li f' xi triq , tipproduci u tbiegh xi artefatt.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel Qorti immotivat id-decizjoni taghha biex waslet ghall-liberazzjoni tal-appellata billi qalet li l-appellata, ghalkemm tbiegh oggetti lesti, hija qed tithallas mhux ghall-materjal ta' l-oggetti mibjugha, izda qed tithallas kumpens ghal xoghol ta' arti li hija ghamlet bil-materjal li huwa il-*"medium*" li bih tista'; tesprimi t-talent jew arti taghha. Ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 14 ta' l-Avviz Legali 102/02 hija ma tikkwalifikax bhala "*street hawker*" u m'ghandix**

**bzonn licenzja u ghalhekk mhux marbuta mall-kundizzjoni citata ta' *street hawker*.**

**Illi f' dan il-kaz l-appellata rrizulta li kellha licenzja ta' *street hawker* u li fil-fatt kienet qed tbiegh fiz-zona ta' Puturjal. Ghalhekk hawn non si tratta ta' jekk kellhiex bzonn licenzja ghax licenzja kellha. Il-kwistjoni kollha timpernja ruha fuq il-fatt jekk kienetx qed tezercita <u>attivita' kummercjali</u> fl-inhawi ta' Puturjal.**

**Ikkunsidrat;**

**Li fl-ewwel lok quddiem l-Ewwel Qorti gie verbalizzat li l-appellata tezercita xi forma ta' arti u li r-rizultat ta' l-intervent jimbiegh bi prezz miftiehem. Quddiem din il-Qorti ma rrizultax ezatt f' hix kienet tikkonsisti din l-arti u jekk dak li kien qed jimbiegh kienx xi artefatt .**

**Ikkunsidrat ;**

Illi l-Ewwel Qorti tidher li ghamlet distinzjoni bejn min ibiegh oggett lest u min fuq il-materjal izid l-intervent artistiku, jew f' termini aktar precizi w idoneji, artigjanali tieghu, distinzjoni li pero' ma tohrogx mill-ligi fil-proviso ghar-regolament 30 (f) tal-Avviz Legali 102/2002 cioe' r-Regolamenti tat-2002 dwar il-Licenzji tal-Kummerc maghmula bis-sahha tal-artikolu 28 tal-istess Att Dwar il-Licenzji tal-Kummerc li jghid testwalment hekk:-

*"izda m' ghandha ssir ebda attivita' kummercjali f' ebda hin minn bejjiegha tat-toroq **fl-inhawi ta' Puturjal, tal-Belt Valletta inkluz il-Pont"*.** (emfasi tal-Qorti).

Din hi projbizzjoni assoluta li tolqot li bejjiegha fit-toroq ibieghu x' ikunu ibieghu w jidher li hi ispirata mill-htiega li l-entratura tal-Belt Kapitali tinzamm libera minn kull ingombru jew xkiel ta' bejjiegha bit-tilari u l-merca taghhom, li sfortunatament jaghtu dehra ta' bazaar orjentali w xejn dinjituza lill-ambjent minn fejn kulljum jidhlu fil-Belt Kapitali eluf ta' Maltin u barranin. Fil-Fehma ta' din il-Qorti din il-projbizzjoni ta' kull attivita' kummercjali

tolqot li kull bejjiegh fit-triq sija jekk ikun licenzjat jew mhux u sija jekk ikollux bzonn ta' licenzja jew le. Altrimenti ikun assurd li min ikollu licenzja ta' street hawker ikun impedut mill-jarma f' Bieb il-Belt u min m'ghandux bzonn ta' licenzja ghal xi attivita' kummercjali ikun jista' jarma hemm u jipproduci l-istess effett degradanti fuq l-ambjent.

Li l-artikolu 2 tal-Kap.441 jiddisponi li *"attivita' kummercjali " tfisser ezercizzju ta' xi attivita' kummercjali jew ekonomika inkluz il-biegh ta' oggetti u l-ghoti ta' servizzi kif jista' jigi preskritt, irrisspettivament minn jekk dik l-attivita' kummercjali tigix ezercitata minn postijiet kummercjali jew xort' ohra…."*

Illi l-ewwel Skeda annessa mar-Regolamenti tat-2002 dwar il-Licenzji tal-Kummerc fil-para. 74.87 1 tinkludu "attivitajiet professjonali u <u>attivitajiet kummercjali ohra li mhumiex klassifikati band' ohra"</u> u konsegwentement anki jekk l-attivita' li kienet qed tigi gestita mill-appellata ma hix definita specifikatament, zgur li taqa' taht din id-definizzjoni mill-aktar wiesgha .

Illi kjarament dak li nqabdet taghmel l-appellata, li hi *street hawker* licenzjata fil-jum u hin imsemmi fic-citazzjoni zgur jaqa' taht id-definizzjoni wiesgha ta' attivita' kummercjali billi zgur kienet qed tbiegh oggetti w anki jekk kienet qed teffettwa xi zieda fuq l-oggetti li kellha quddiemha, dan b' ebda stirar tal-immaginazzjoni ma jista' jitqies li ma jikkostitwix biegh. F' kull kaz xi zieda li kienet qed taghmel fuq l-oggetti jitqies ukoll bhala <u>servizz</u> li ukoll jaqa' taht id-definizzjoni ta' attivita' kummercjali, kif fuq spjegat. F' kull kaz il-projbizzjoni assoluta li ma tistax issir attivita' kummercjali f' dik il-lokalita' tapplika ghaliha ukoll.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali jidher pjenament fondat u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata u minnflok issib lill-appellata hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha biss ghar-rigward tal-jum tal-14 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tal-11.30 am izda mhux ukoll fil-granet ta' qabel din id-data u, wara li rat l-artikoli 2, 28, u

29 (a) tal-Kap. 441 u r-Regolamenti 30 (f) u 50 tar-Regolamenti tat-2002 dwar il-Licenzji tal-Kummerc (L.N. 102/2002) , tikkundannha hamsin lira Maltija (LM50) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------